# X’inhi l-Kaxxa tal-Għodda?

**Indiċi**

- 1 Il-kunċett tal-Kaxxa tal-Għodda
- 2 Uża l-kaxxa tal-għodda tal-EUPATI għall-promozzjoni

## Il-kunċett tal-Kaxxa tal-Għodda

Bħall-kaxxa tal-għodda ta’ veru li juża l-mastrudaxxa jew l-elettriċista, il-Kaxxa tal-Għodda tagħna fiha l-‘għodda’ kollha li tista’ tiġi bżonn b’rabta mar-riċerka u l-iżvilupp tal-mediċini. Probabbilment ma tiġix bżonnha kollha, u tista’ tagħżel li tispeċjalizza f’xi taqsima partikolari, imma kull mistoqsija li jista’ jkollok dwar ir-riċerka u l-iżvilupp tal-mediċini għandek issib risposta għaliha hawnhekk.

Fil-każ tagħna, il-Kaxxa tal-Għodda mhix speċifika għal xi mediċina jew marda. Minkejja f’dan, imma, l-informazzjoni li ssib hawnhekk għandha tapplika għall-parti l-kbira tal-mard u/jew il-mediċini li jista’ jkollok dubju dwarhom. Minbarra t-12-il kategorija dwar l-iżvilupp, hemm ukoll aktar taqsimiet interattivi dwar kif tista’ torganizza fi gruppi u tuża l-informazzjoni li tkun tinħtieġ fit-taqsimiet Skopri!, Adatta!, u Aqsam ma’ ħaddieħor!

Finalment hemm taqsima fil-Kaxxa tal-Għodda għal min għadu fil-bidu *(beginners)* fejn niġbdu l-attenzjoni dwar għadd ta’ suġġetti introduttorji biex jgħinuk tibda tesplora r-riċerka u l-iżvilupp tal-mediċini. Tiddejjaq xejn iddur din il-parti wkoll.

## Uża l-kaxxa tal-għodda tal-EUPATI għall-promozzjoni

Ir-riċerka u l-esperjenza fil-qasam tal-attiviżmu u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti turina li l-esperti u l-pazjenti, u l-organizzazzjonijiet tagħhom jiffurmaw parti importanti mill-iżvilupp tal-mediċini. Riżultati effettivi u sostenibbli f’dawn l-oqsma jistgħu jinkisbu biss jekk l-għerf li jakkwistaw dwar il-mard tagħhom u dwar l-ambjent politiku jkun b’saħħtu u mibni fuq bażi xjentifika.

Hu essenzjali li l-esperti u l-pazjenti jkunu konxji tal-proċessi u l-metodi li bihom jiġu żviluppati l-mediċini u kif dawn jitpoġġew fis-suq biex jifhmu fejn u kif jistgħu

jħallu impatt li jagħmel differenza, u anke kif jistgħu jinfluwenzaw il-proċess ħalli jkunu ċerti li l-interessi u l-opinjoni tal-pazjenti jkunu rappreżentati kif xieraq.

Eupati.eu tipprovdi kaxxa tal-għodda utli b'ħafna riżorsi li jikkumplimentaw l-għodda li teżisti diġà għas-sostenituri tal-pazjenti u għall-organizzazzjonijiet.

L-importanti li tkun taf x'tixtieq, u ħalli f'idejn l-EUPATI għall-informazzjoni/pariri dwar kif tista' tasal għal dak li trid.